



Dħul fil-kariga ta' Avukat Ġenerali ġdid tal-Qorti tal-Ġustizzja

Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Marzu 2020, ir-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea ħatru, bħala Avukat Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja, għall-perijodu mit-23 ta' Marzu 2020 sas-6 ta' Ottubru 2024, lil Jean Richard de la Tour, li qiegħed jissostitwixxi lil Yves Bot, li miet fid-9 ta' Ġunju 2019.

Minħabba ċ-ċirkustanzi eċċezzjonali marbuta mas-sitwazzjoni sanitarja Ewropea, illum saret ċerimonja tal-ġurament mill-bogħod permezz tal-mezzi teknoloġiċi ta' videokonferenza fl-okkażjoni tad-dħul fil-kariga ta' Jean Richard de la Tour konformement mar-regolamenti tas-saħħa fis-seħħ.

Curriculum vitae ta' Jean Richard de la Tour

Imwieled fl-1959; master fid-dritt mill-Università Pariġi II (1982); taħriġ professjonali bħala maġistrat, Skola Nazzjonali tal-Maġistratura, Franza (1984-1986); Imħallef fil-Qorti Distrettwali ta' Limoges (1986-1988); Maġistrat fl-amministrazzjoni ċentrali tal-Ministeru għall-Ġustizzja (1988-1996); konsulent référendaire fil-Qorti tal-Kassazzjoni, Franza (1996-2004); qarrej tas-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej (2004-2006); référendaire fil-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea mal-uffiċċju ta' Pernilla Lindh, sussegwentement ma' dak ta' Carl Gustav Fernlund (2006-2012); Avukat Ġenerali fl-Awla Soċjali tal-Qorti tal-Kassazzjoni u chargé de mission mal-Prosekutur Pubbliku Ġenerali fil-Qorti tal-Kassazzjoni (2012-2017); Avukat Ġenerali Ewlieni fl-Awla Kummerċjali, Qasam Finanzjarju u Ekonomiku mal-Qorti tal-Kassazzjoni (2017-2020); membru tal-Kumitat għar-Rapport u għall-Istudji tal-Qorti tal-Kassazzjoni (1998-2002); membru tal-Kumitat għar-Reviżjoni ta' Kundanni Kriminali tal-Qorti tal-Kassazzjoni (1999-2004); President tal-Bord ta' Amministrazzjoni tal-Istituzzjoni Nazzjonali għat-Taħriġ Notarili, Franza (2016-2020); Avukat Ġenerali fil-Qorti tal-Ġustizzja mit-23 ta' Marzu 2020.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355